**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

Appell Nru. 314/2014

Seduta tat-08 ta' Jannar 2020

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kevin Pulis)**

**Vs**

**Roderick Montesin**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Roderick Montesin, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 79588(M) akkużat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-27 ta' Marzu 2012, ghall-habta tas-13:15 u fil-gimghat ta' qabel, f'tal-Gawhra, Hal Safi, b'diversi atti li ma gewx maghmulha b'rizoluzzjoni wahda izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi:

1. ikkommetta serq ta' aperturi tal-aluminium liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, liema valur jeccedi l-elfejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (2390.24) u li sar ghad-detriment ta' Carmel Zammit.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

3. Il-Qorti hija mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Roderick Montesin moghti b'digriet mill-Magistrat Dr. L.Quintano LL.D nhar is-26 ta' Marzu 2010 u mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D nhar id-29 ta'Frar, 2012, u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 200 Euro bhala depositu u s-somma ta' 6,000 Euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta'Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Talli illi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

5. U aktar talli kiser diversi kundizzjonijiet imposti fuqu mill-istess Onorabbli Qorti meta nhar id-29 ta' Novembru, 2010 inghata sentenza ta' Art.7 tal-Kap 446 ghal tlett snin mill-Magistrat E. Grima LL.D.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-08 ta' Lulju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 289, 261, 284, 285 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikoli 7, 21 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, sabet lill-imputat Roderick Montesin hati, bhala recidiv, tas-serq semplici, u trattat mieghu ghall-ksur skont l-Artikolu 23 tal-Kap 446 u ghaldaqstant ikkundannatu komplessivament ghal wiehed u ghoxrin (21) xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Roderick Montesin, ppreżentat fil-11 ta' Lulju 2014, fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Ewwel Onorabbli Qorti billi tilliberah mill-akkuzi dedotti kontra tieghu u fin-nuqqas taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Rat l-aggravji tal-appellant:

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Jidher li l-pulizija m'ghamlux investigazzjoni kompleta sabiex juri li kien minnu li l-appellant kien jgib l-alimunium minn Hal Qormi u bieghu lil Mario Cremona. L-appellant insista

mill-bidu nett li ma kienx involut fis-serq ta' aliminium u minkejja ma jneggax li seta ghadda minn Zurrieq u ma ghaddiex minn Hal Safi. B'hekk jidher car li kien kas ta' mistaken identity. Il-Qorti fis-sentenza taghha u fil-proceduri ma assigurawx it-tests normali ta' jekk kien hemm mistaken identity, bhal id-distanza ta' bejn l-appellant u x-xhud, jekk kien bil-lejl jew bin-nhar u jekk il-vista tieghu hija tajba.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant ihossu aggravat bis-sentenza appellata billi jishaq illi l-provi li kien hemm fl-atti ma kellhomx iwasslu ghas-sejbien ta' htija tieghu ghar-reati lilu addebitati sabiex b'hekk allura l-uniku aggravju mressaq 'il quddiem minnu jdur madwar l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti. Jishaq l-appellant illi dan kien kaz ta' *mistaken identity* u allura qed jikkontesta l-identifikazzjoni maghmula tal-persuna tieghu mix-xhieda imressqa mill-Prosekuzzjoni, bhala il-malvivent prezenti fuq ix-xena tad-delitt u li kkometta s-serq tal-*aluminium* ghad-detriment ta' Carmel Zammit. Dan ghaliex jikkontendi illi fil-jum indikat fl-akkuza huwa ma kienx prezenti fuq ix-xena tad-delitt.

Illi fid-dawl tan-natura tal-aggravju mqajjma, tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ormai kopjuza li l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-ewwel Qorti ma ghandux jigi iddisturbat fi stadju ta' revizjoni jekk din il-Qorti tkun tal-fehma illi l-konkluzjonijiet milhuqa fis-sentenza appellata kienu siewja kemm ragjonevolment kif ukoll legalment. Illi allura mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tirrimpjazza d-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-

ewwel Qorti izda ghandha biss taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha.[1]

Illi allura ezaminati l-atti mill-gdid sabiex isir dan l-esercizzju kif imfisser hawn fuq, jirrizultaw is-segwenti fatti probatorji:

1. Fil-jum indikat fl-akkuza u cioe' fis-27 ta' Marzu 2012, Carmel Zammit jirraporta lill-pulizija illi kien vittma ta' serqa li sehhet minn gewwa il-*farmhouse* tieghu fil-limiti taz-Zurrieq fejn kienu insterqu diversi aperturi tal-*aluminium*. Jirraporta illi kien hemm okkazzjonijiet precedenti ghal din id-data meta ukoll kien sab xi *aluminium* nieqes minn dan il-fond.
2. Illi xhud okulari tas-serqa li sehhet fis-27 ta' Marzu 2012 kien certu John Calleja li kien ghaddej bil-mixi fil-vicin f'dak il-jum u li osserva lill-appellant f'vettura tal-ghamla Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni DAP-034 ta' lewn ahmar u indikah bhala wiehed miz-zewg malviventi li kienu qed jisirqu l-*aluminium* mill-fond appartenenti lil Zammit. Lill-appellant jindikah bhala il-persuna li kien qed johorg ir-*res furtiva* minn taht xatba u ighabbieha fil-vettura. Biex seta' ighabbi dan l-*aluminium* fil-bagoll tal-vettura ighid li osservah anke ikisser bicciet minnu.
3. Mill-investigazzjonijiet maghmula mill-pulizija in segwitu ghal dan ir-rapport irrizulta illi din il-vettura hija registrata fuq missier l-appellant.
4. Irrizulta ukoll illi r-*res furtiva* giet mibjugha lis-socjeta Metalco gewwa Hal Luqa fl-istess jum mill-appellant. Dan jigi ikkonfermat mix-xhud Mario Cremona rapprezantant ta' din is-socjeta u li lilu gie mghoddi dan l-*aluminium* mill-appellant stess. Jezebixxi ricevuta ghal hlas ta' €47 li ghamel lill-

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

appellant[2].

L-appellant ghalhekk jigi arrestat u interrogat fejn huwa jichad l-involviment tieghu f'din is-serqa ghalkemm ma jichadx illi l-vettura tal-ghamla Hyundai tappartjeni lil missieru u li din il-vettura tinstaq minnu u minn missieru biss. Jammetti ukoll illi fil-jum tas-27 ta' Marzu 2012 hu kien qieghed isuq din il-vettura fl-inhawi taz-Zurrieq. L-appellant jikkonferma wkoll fl-istqarrija tieghu illi f'dan l-istess jum huwa biegh ammont ta' *aluminium* lis-socjeta Metalco gewwa Hal Luqa ghal prezz ta' €47. Ighid li dan l-*aluminium* kien gabbru minn Hal Qormi go hofra li kien hemm f'tal-Handaq. Isemmi li f'dawn il-bicciet tal-*aluminium* seta' kien hemm xi aperturi.

Ikkunsidrat,

Illi l-prova ewlenija li tohloq ness bejn l-att materjali tar-reat u l-appellant hija x-xiehda okulari ta' John Calleja u l-identfikazzjoni minnu maghmula tal-persuna tal-appellant. Illi minn ezami akkurat tax-xiehda ta' Calleja ghandu johrog illi dan ix-xhud osserva il-movimenti tal-malvivent minn distanza piuttost ravvicinata. Din ix-xiehda hija wahda dettaljata fejn ix-xhud jiddeskrivi dak kollu li osserva fil-jum indikat fl-akkuza u cioe' lill-appellant johrog l-*aluminium* mir-razzett ta' Zammit. Ighid li l-appellant qabez ix-xatba maghluqa li taghti ghal gor-razzett u osservah johrog l-*aluminium* minn taht ix-xatba, beda jghawwgu u idahhlu fil-bagoll tal-vettura ghal fuq is-sedil ta' wara. Ighid illi billi bicciet minn dan l-*aluminium* kien twil huwa osserva il-vettura tinstaq minn fuq il-post bil-bagoll miftuh. Ighid li sema lill-appellant ighajjat u ighid xi kliem hazin u jsejjah persuna ohra bl-isem ta' "Steve". Dan ix-xhud sahansitra jindika n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura, l-ghamla u l-lewn taghha u ighaddi din l-informazzjoni lil Zammit biex b'hekk l-investigaturi setghu jasslu ghal persuna tal-appellant.

Illi abbinat ma' din il-prova hemm l-istqarrija rilaxxjata mill-appellant fejn jikkonferma illi l-vettura osservata minn Calleja tappartjeni lil missieru u tinstaq

---

[2] Ara Dokument a fol.59

minnu u minn missieru biss. Hemm ukoll l-ammissjoni tieghu illi huwa biegh xi *aluminium* lis-socjeta Metalco ta' Hal Luqa u irceva pagament ta' €47 ghall-istess. Dan jigi ikkorroborat imbaghad mix-xiehda ta' Mario Cremona, rapprezentant tal-Metalco, li jikkonferma illi l-appellant ipprezenta ruhu ghandu b'dan l-*aluminium* u hallsu l-valur tieghu ammontanti ghal €47 u ezebixxa ricevuta f'dan ir-rigward.

Illi allura dawn il-fatti probatorji ma ihallu l-ebda ombra ta' dubbju quddiem din il-Qorti illi kien l-appellant il-persuna li ikkomettiet is-serqa mertu ta' dawn il-proceduri u allura ma tara li jista' jkun hemm ebda mottiv li jista' igieghelha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti.

Dan ghaliex jibda biex jinghad illi kuntrarjament ghal dak li jikkontendi l-appellant l-identifikazzjoni maghmula mix-xhud John Calleja hija wahda b'sahhitha ferm u dan meta jigu applikati il-principji li ghandha timxi maghhom il-qorti meta tigi biex tqies l-identifikazzjoni ta' malvivent maghmul minn xhud okulari u dan kif imfassla b'mod specjali fir-regoli Turnbull[3] fejn hemm hekk imghallem:

> **'First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.**
>
> **Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused**

[3] Turnbull (1977) QB 224

**given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? ...**

**Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made. All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger' (ara Blackstone's Criminal Practice, 1991, pagna 1991; Archbold, 1997, pagni 1255-1256)"".**

L-osservazzjoni tax-xhud Calleja saret fid-dawl tax-xemx, fil-hin ta' wara nofs inhar, mill-vicin u ghal hin sostanzjali. L-appellant ma giex osservat ghal ftit minuti u bl-ghaggla, izda gew osservati l-movimenti tieghu kollha, id-diskors li kien qed jinghad minnu u anke l-ghamla u n-numru tal-vettura minnu misjuqa meta allontana ruhu minn fuq ix-xena tad-delitt. Inoltre ghalkemm l-appellant jipprova jitfa' xi dell fuq din l-identifikazzjoni meta jikkontendi illi hu u xi membri tal-familja tieghu jixxiebhu mill-wicc u l-istatura, madanakollu imbaghad jonqos milli jaghmel din il-prova u dan sal-grad minnu rikjest fil-ligi u kwindi dina l-Qorti ma tistax tistrieh fuq assunzjonijiet u supposizjonijiet mhux sostanzjati mill-provi.

Illi maghmula dawn il-konsiderazzjoni l-aggravju marbut mal-apprezzament tal-provi qed jigi michud.

Ikkunsidrat:

Illi jidfal biss biex jigi ikkunsidrat l-aħħar gravam imressaq *in subsiduum* ghal konsiderazzjoni ta' din il-Qorti. L-appellant jitlob lil Qorti temperament fil-piena izda ma iressaq l-ebda aggravju in sostenn ta' din it-talba sabiex allura donnu jippretendi illi huwa il-kompitu ta' din il-Qorti tfittex u tara x'kien il-mottiv ta' l-ilment imressaq minnu u dan meta jirrizulta lil din il-Qorti illi l-piena hija wahda fil-parametri tal-ligi. Dan ghaliex mhux biss l-appellant gie ikkundannat ghar-reat ta' serq semplici minghajr l-aggravanti tal-mezz u tal-valur, izda ukoll ghaliex l-piena

kellha tizdied minhabba l-addebitu tar-recediva u ukoll ghaliex l-Ewwel Qorti kellha titratta mal-appellant ghal ksur tal-Ordni tal-Probation imposta fuqu b'sentenza tad-29 ta' Novembru 2010, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-konfront tieghu u dan fit-termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.
Kif inghad l-appellant ma jindika ebda raguni li tista' twassal ghal xi temperament fil-piena imposta u din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha, tqies illi l-appellant li diga' inghata diversi opportunitajiet mill-qrati sabiex jirriforma ruhu u jitbieghed mill-vizzju tad-droga xortawahda ghadu jaghzel ighix il-hajja tal-kriminalita'.

Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:

> ***(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence***

Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna kkundannata izda ghandu jara illi ihares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel. Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Issa dan ma jirrizulatlhiex lil din il-Qorti abbinat mal-fatt illi l-appellant lanqas jindika, kif inghad, xi mottiv li jista' iwassalha ghal xi temperament fil-piena erogata. Illi *di piu'* huwa bil-wisq evidenti illi l-Ewwel Qorti ma setghatx taghti piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija billi l-appellant huwa bniedem recediv u jidher li ma tghallimx mill-izbalji tieghu tal-imghoddi. Allura l-Qorti hija tal-fehma li l-piena kif

mposta m'għandiex tiġi varjata.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur